KUNSILL LOKALI - IL-MUNXAR - LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi**

**Laqgħa Nru** KAX 31/2016

Data: 2 ta' Novembru 2016

Ħin: 5.00 ta' filgħaxija

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

---

Preżenti: **Is-Sur Mark Anthony Busuttil** - *Chairperson*
**Is-Sinjorina Charmaine Vella** - Viċi *Chairperson*

**Is-Sinjura Carmen Said** - Sindku

**Is-Sur Anthony Grech** - Segretarju Eżekuttiv

Skużati: **Is-Sinjura Joselle Camilleri** - Membru
**Is-Sur Saviour Xiberras** - Membru

Assenti: **Is-Sur Patrick Grima** - Membru

---

**AĠENDA**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*;
4. Rapport tas-Sindku;
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv;
6. Tiżjin tal-Milied fix-Xlendi;
7. Xogħlijiet u proġetti fix-Xlendi;
8. Materji oħra;
9. Aġġornament.

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.01** Peress li l-Minuti ntbagħtu minn xi jiem qabel, dawn ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati.

**2. Punti mqajma mill-Minuti**

**2.01** Ma ġewx imqajma punti mill-Minuti.

**3. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

**3.01** Iċ-*Chairperson* irrefera għax-xogħol ta' pavimentar tal-passaġġ tax-xtajta tax-Xlendi fejn dan kellu jinbeda fl-1 ta' Novembru 2016. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li ser issir laqgħa bejn il-perit u l-kuntrattur sabiex ix-xogħol jinbeda immedjatament. Is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-*Owner* ta' Dimech Enterprises Ltd li ssupplixxew bankijiet għax-Xlendi fejn dan intalab sabiex iġedded il-garanzija u jiġi ffirmat *extension* tal-kuntratt peress li għad hemm 10 bankijiet li jridu jitniżżlu fuq il-post u jitwaħħlu wara li jsir il-pavimentar. Peress li hu rrifjuta, il-kuntratt qed jiġi kkunsidrat bħala abbandunat.

**3.02** Iċ-*Chairperson* semma dwar boroż ta' skart mis-suwed li qed jinħarġu barra t-triq anke fi ġranet li ma jkunx hemm ġabra ta' dawn il-boroż. Milli jidher ir-residenti u turisti ma tantx huma infurmati dwar il-ġbir ta' skart. Is-Segretarju Eżekuttiv semma li milli jidher ħaddiema tal-Wasteserv ma darux Ix-Xlendi, ġranet qabel mal-iskema l-ġdida daħlet fis-seħħ u ħafna mir-residenti ma kinux infurmati. Il-Kumitat ser jilmenta dwar dan mal-Wasteserv.

**3.03** Iċ-*Chairperson* semma l-maltempata li ġrat xi jiem ilu. Peress li din kienet l-ewwel xita li niżlet bir-ruppat, ħafna qasab ħareġ mill-wied u baqa' sejjer għal ġol-baħar. It-toroq spiċċaw mgħarrqa bil-ħama u qasab. Il-ħaddiema ħadmu sabiex l-inkonvenjent jitneħħa mill-aktar fis possibbli.

**4. Rapport tas-Sindku**

**4.01** Is-Sindku ma kellhiex x'tirrapporta.

**5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv**

**5.01** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li bħalma ġara s-sena l-oħra, l-Eċċellenza Tagħha Il-President ta' Malta ser tiġi fil-lokalità tal-Munxar fil-25 ta' Novembru 2016 sabiex tirċievi fondi għall-Community Chest Fund. Jekk irid, il-Kumitat jista' jiġbor fondi mix-Xlendi u jgħaddihom lill-President dakinhar stess. Ġie deċiż li ċ-*Chairperson* u Viċi *Chairperson* joħorġu jiġbru fondi mingħand l-istabbilimenti tal-ikel tax-Xlendi.

**5.02** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat dwar Ċirkulari Numru 17/2016 rigward 'Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat minn Membri u Kunsillieri'. F'din iċ-Ċirkulari qed jiġi spjegat l-artiklu tal-liġi li jitratta dwar l-attendenza tal-laqgħat. Is-Sur Patrick Grima kien assenti għal aktar minn erba' laqgħat konsekuttivi u l-Kumitat irid jiddeċiedi jekk l-assenza tal-membru kinetx ġustifikata jew le. Ġie deċiż li l-assenza tal-Membru Patrick Grima ma kinetx ġustifikata u għandha tintbagħat ittra lill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali permezz tad-Direttur (Gvern Lokali) fejn jiġi infurmat li l-assenza tal-Membru tal-Kumitat, is-Sur Patrick Grima ma kinetx ġustifikata.

**5.03** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għamel eżerċizzju intern u nstab li hemm bilanċ fil-fond ta' aġġustament li hu dovut lill-Kunsill/Kumitat. Dan l-ammont ta' €824 ser jgħaddi fil-kont fil-jiem li ġejjin.

**5.04** Il-Kumitat irċieva ittra mingħand l-Avukat Stellini rigward Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi. Huwa qed jikteb f'isem il-persuna li tmexxi n-negozju Cool Snack Bar. Qed issir talba sabiex il-Pulizija jagħmlu aktar ronda f'din it-triq minħabba sewqan eċċessiv, issir CCTV u *sleeping police* f'din it-triq u ssir *zebra crossing*.
Teknikament kemm iż-*zebra crossing* kif ukoll is-CCTV u s-*sleeping police* ma jistgħux isiru. Dwar il-preżenza ta' Pulizija, il-persuna li għamlet l-ilment ser tiġi mitluba sabiex tagħmel rapport lill-Pulizija hekk kif tara xi ksur ta' regolamenti tat-traffiku.

**5.05** Il-Kumitat irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta li residenti tal-*flats* tat-triq qed joħorġu l-borża s-sewda fil-ġranet li dawn ma jinġabrux u l-qtates u l-klieb qed iqattgħu l-istess boroż. Id-*divers* ukoll qed ipoġġu r-*rubbish* fuq il-bankina. Il-Kumitat ser jiddiskuti din il-problema fl-laqgħa li ser issir bejn il-Kumitat/Kunsill, il-Kuntrattur KIP Għawdex Ltd u Uffiċjali

tal-Wasteserv.

**5.06** Il-Munxar Falcons FC qed jitolbu sabiex Ix-Xlendi Road Map li hemm fi Pjazza Anfori titmexxa mill-post eżistenti għal post viċin. Dan qed jintalab peress li preżentament ir-*road map* qiegħda taħt is-siġar u qed titħammeġ bil-ħmieġ tal-għasafar. Fil-post il-ġdid propost ma hemmx siġar. Ix-xogħol ser isir minn ħaddiema tal-Gvern bl-għajnuna tal-membri tal-*Club*.

**5.07** Il-Kumitat irċieva *e-mail* b'ritratt ta' żibel fuq il-bankina. Sid il-proprjetà qed tilmenta li l-ġara qed tpoġġi żibel fuq il-bankina quddiem tagħha. Il-Kumitat ma jista' jagħmel xejn, iżda min għamel l-ilment tista' tkellem lil min qed jabbuża jew tagħmel rapport lill-Pulizija.

## 6. Tiżjin tal-Milied fix-Xlendi

**6.01** Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar tiżjin li ser isir fil-Bajja tax-Xlendi. Ġie deċiż li jerġa' jsir l-istess tiżjin bħas-sena l-oħra u jiżdied il-festun tad-dawl li jitwaħħal fi Triq San Xmun. Huwa kkalkulat li festun ieħor bħal dak li nxtara s-sena l-oħra ma huwiex ser jaqbeż l-€1,000.

## 7. Xogħlijiet u proġetti fix-Xlendi

**7.01** Is-Sinjorina Charmaine Vella rreferiet għaċ-Ċirkulari fejn il-Kumitat jista' japplika għall-proġett dwar il-Litteriżmu. Il-proġett kif propost fiċ-Ċirkulari huwa kkumplikat wisq għall-Kumitat tax-Xlendi u għaldaqstant is-Sinjorina Charmaine Vella ser taħdem sabiex il-Kumitat joffri *story reading* għat-tfal tax-Xlendi.

**7.02** Iċ-*Chairperson* irrefera għall-programm ta' *funding* Italia-Malta. Id-*deadline* tal-ewwel sejħa ser jagħlaq fit-8 ta' Novembru 2016 u għaldaqstant ftit hemm tama li jekk il-Kumitat irid japplika jkun ser ilaħħaq. Jibqa' l-possibilità li jekk nitolbu aktar informazzjoni, il-Kumitat ikun jista' japplika għat-tieni sejħa. Għaldaqstant, ġie deċiż li nċemplu lis-Sur Ian Borg sabiex jagħtina aktar informazzjoni. Ser jerġa' jiltaqa' l-Kumitat, għada fid-9.00 ta' filgħodu, sabiex iċempel lis-Sur Ian Borg.

## 8. Materji oħra

**8.01** Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

## 9. Aġġornament

**9.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 21 ta' Novembru 2016 fil-5.00 ta' filgħaxija b'Aġenda li tkun ikkomunikata aktar 'il quddiem.

**9.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

***Mark Busuttil***
*Chairperson*

IFFIRMATA

***Anthony Grech***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 21 ta' Novembru 2016